Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Il-Prim Imħallef Emeritu
Dr Joseph Said Pullicino fil-kwalità tiegħu ta' Ombudsman Parlamentari

vs

L-Onorevoli Dr Manuel Mallia, Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u s-Sur Kevin Mahoney, Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru.

Protest ġudizzjarju tal-imsemmi Prim Imħallef Emeritu Dr Joseph Said Pullicino fil-kwalità tiegħu ta' Ombudsman Parlamentari.

Jesponi bir-rispett:

Illi f'Settembru 2013 ġew konklużi żewġ eżerċizzji ta' promozzjonijiet fl-Armata. F'wieħed minnhom diversi Maġġuri ġew promossi għal Logotenent Kurunell, waqt li fl-ieħor diversi Logotenenti Kurunelli ġew promossi għal Kurunelli. Sussegwentement l-Uffiċċju tal-Ombudsman irċieva numru ta' ilmenti in konnessjoni mal-eżitu ta' dawn l-eżerċizzji ta' promozzjonijiet minn diversi Uffiċjali tal-Forzi Armati li allegaw li sofrew inġustizzja peress li sostnew li ġew maqbuża minn uffiċjali oħra li kellhom ferm anqas *seniority*, esperjenza u kwalifiki minnhom;

Illi l-Uffiċċju tal-Ombudsman beda jinvestiga dawn l-ilmenti skont kif provdut fl-Att dwar l-Ombudsman. L-ilmenti ġew notifikati lill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati b'talba li jikkonsenja kull inkartament u dokumentazzjoni rilevanti għall-investigazzjoni u, jekk jixtieq, jagħti r-reazzjonijiet tiegħu għall-allegazzjonijiet magħmula.

Illi fir-risposta tiegħu tal-10 Diċembru 2013, il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati sostna li l-Uffiċjali involuti ma kienux segwew il-proċedura stipulata fl-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta u li din kienet il-proċedura li fil-fehma tiegħu il-*complainants* kellhom isegwu. Skont dak l-Artikolu, l-Uffiċjali tal-Armata li jħossuhom aggravati bi kwalunkwe deċiżjoni fil-konfront tagħhom kellhom id-dritt li jressqu l-ilment tagħhom quddiem il-President ta' Malta permezz tal-Kap Kmandat u *tramite* il-Ministru responsabbli għall-Forzi Armati;

Illi fid-dawl tar-risposta tal-Kap Kmandant u biex ikun jista' jissokta bl-investigazzjoni tiegħu, l-Ombudsman kiteb lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali responsabbli mill-Forzi Armati. F'din il-korrispondenza talbu l-kummenti tiegħu fuq l-ilmenti magħmula, kif ukoll li jipprovdi d-dokumentazzjoni relevanti dwar l-ilmenti. Fl-istess ittra l-Ministeru ntalab jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti dwar dawn l-eżerċizzji ta' promozzjoni. Dan *ai termini* tal-Artikolu 19 tal-Att dwar l-Ombudsman (il-Kapitolu 385 tal-Ligijiet ta' Malta), li jimponi l-obbligu fuq kull persuna li tikkoopera mal-Ombudsman fl-investigazzjoni tiegħu u dana taħt pieni applikabbli għal reat f'każ li tonqos li tagħmel dan mingħajr kawża ġusta;

Illi s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru kategorikament irrifjuta li jipprovdi d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni mitluba għaliex insista u qed jinsisti illi l-Ombudsman ma għandux ġurisdizzjoni li jinvestiga dawn l-ilmenti;

Illi saru diversi tentattivi minn dan l-uffiċċju sabiex jiġi riżolt dan l-impass, anki permezz ta' laqgħa li saret mas-Segretarju Permanenti. Il-Ministeru però baqa' jsostni n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Ombudsman u jippretendi illi l-Uffiċjali li ħassewhom aggravati kellhom jagħmlu użu mir-rimedju mogħti lilhom taħt l-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-Forzi Armati billi jagħmlu petizzjoni lill-President ta' Malta;

Illi l-pożizzjoni tal-protestati dwar il-kwistjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman ġiet elaborata f'ittra tas-Segretarju Permanenti tat-2 ta' Ġunju 2014, kontro-firmata mill-Onorevoli Ministru responsabbli mill-Forzi Armati. A skans ta' kull ekwivoku din l-ittra, flimkien ma' korrispondenza oħra relattiva, qed tiġi esibita ma' dan il-protest. F'din l-ittra, il-Ministeru jirribadixxi l-pożizzjoni tiegħu illi l-Ombudsman ma għandux ġurisdizzjoni li jinvestiga dawn l-ilmenti f'dan l-istadju u jagħti diversi raġunijiet għal dan. Raġunijiet li huma fil-parti l-kbira irrilevanti għall-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni u li l-protestant jista' biss jidħol fihom u jiddeċidihom jekk l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tiġi sorvolata b'suċċess;

Illi l-protestant huwa sorpriż u preokkupat bit-ton negattiv tar-reazzjoni tal-Ministeru kif espressa fl-aħħar komunikazzjoni tiegħu. L-eċċezzjoni tan-nuqqas

ta' ġurisdizzjoni hija waħda leġittima, tista' tingħata u trid finalment tiġi epurata u deċiża minn organu ġudizzjarju u kompetenti fuq talba ta' min jallegaha;

Deċiżjoni tal-Ombudsman f'dan il-kuntest tista' biss tiġi sindakata mill-Qrati u l-Ombudsman, bħal Ministeru, huwa obbligat jissottometti ruħu għas-savju u s-superjuri ġudizzju tal-Qrati;

Mhux l-istess jista' jingħad però għal uħud mis-sottomissjonijiet inġustament magħmula mill-Ministeru biex isostni din l-eċċezzjoni. Dawn ma jistgħux ħlief jitqiesu bħala allegazzjonijiet infondati li jimminaw il-fiduċja u r-rispett li s-soċjetà dejjem kellha, u għad għandha, fl-istituzzjoni tal-Ombudsman fil-pajjiż;

Illi f'dan il-protest għalhekk, il-protestant waqt li ser jillimita ruħu għall-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni, li jeħtieġ li tiġi deċiża u definita qabel kull ħaġa oħra, jħossu fid-dover li jagħmel bħala introduzzjoni s-segwenti riflessjonijiet dwar l-allegazzjonijiet inġusti tal-Ministeru li ma jistgħux jibqgħu mingħajr tweġiba:

a) L-allegazzjoni li awtorità kostituzzjonali, kif inhi dik tal-Ombudsman, qed tkun parzjali u preġudikata fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha, meta hi qiegħda taqdi biss id-doveri tagħha li tħares liċ-ċittadin billi tinvestiga, kif jixraq, ilmenti ta' inġustizzja, diskriminazzjoni jew abbuż ta' poter, hi waħda serja ħafna u jeħtieġ illi tiġi riġettata minnufih u bla riservi.

b) Hu aktar gravi meta allegazzjoni bħal din issir minn Ministeru, għax mhux biss turi li għad baqa' ħafna x'nitgħallmu dwar x'inhi verament il-funzjoni ta' Uffiċċju tal-Ombudsman effettiv fil-pajjiż bħala tarka taċ-ċittadin, imma ukoll u aktar li għad baqa' min fl-amministrazzjoni pubblika mhux lest li jissottometti l-operat tiegħu għall-iskrutinju ta' organu awtonomu u indipendenti biex jiġi assigurat liċ-ċittadin id-dritt tiegħu għall-amministrazzjoni tajba u ġusta.

ċ) Din hi proprju l-missjoni li l-Ombudsman qed jaqdi u bi ħsiebu jkompli jaqdi, kif obbligat jagħmel bis-saħħa li tagħtih il-liġi.

d) Jidher li hemm min għadu ma fehemx li l-Uffiċċju tal-Ombudsman mhux biss għandu l-funzjoni ta' difensur taċ-ċittadin imma ukoll dik li jkun strument effettiv għat-titjib tal-amministrazzjoni pubblika billi fost l-oħrajn, jgħin biex jassigura amministrazzjoni miftuħa, trasparenti, nadifa u kontabbli fil-livelli kollha tagħha.

e) L-Ombudsman ma jifhimx għaliex il-Ministeru jidher li qed jirrifjuta li jikkoopera miegħu fir-riċerka tal-verità u qed jostakola b'kull mod l-investigazzjoni tiegħu f'dawn l-ilmenti. Atteġġjament li hu aktar inspjegabbli

għaliex qed jittieħed proprju fil-mument meta l-uffiċjali u s-suldati tal-Armata qed jingħataw, minn din l-amministrazzjoni, il-jedd li jissieħbu f'*union* tal-għażla tagħhom.

f) Il-protestant jawgura li, fl-aħħar mill-aħħar, is-sens komun u s-sens ta' ġustizzja jipprevalu fuq kull kunsiderazzjoni oħra.

Illi fir-rigward tal-mertu, il-protestant ifakkar lill-protestati illi hu ċaħad l-eċċezzjoni tagħhom tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni b'ittra kommunikata lilhom fid-9 ta' April 2014 in kwantu li, fit-Taqsima B tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Ombudsman, jingħata espressament lill-Ombudsman il-jedd li jinvestiga ilmenti dwar il-Forzi Armati ta' Malta "*għar-rigward biss ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet ta' pensjoni tal-__uffiċjali__ u suldati...*".

Għandu jkun manifest illi l-leġislatur ried jagħti lis-suldati u l-Uffiċjali tal-Armata f'dawn il-każijiet il-protezzjoni addizzjonali tar-rikors lejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman biex l-ilmenti tagħhom f'dawn il-każijiet jiġu investigati minn awtorità awtonoma u indipendenti li tista' tirrakkomanda *redress* f'każ ta' inġustizzja jew abbuż. Ma hemm l-ebda dubju illi dan il-jedd, mogħti b'liġi *speċjali sussegwenti*, hu fir-rigward biss ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u d-drittijiet tal-pensjoni u jidderoga mil-liġi li tirregola l-Armata li hi waħda *ġenerali u anteċedenti*. Indubbjament din hi l-liġi li tipprevali f'dawn il-każijiet u li ma tnaqqas xejn mis-saħħa tal-Artikolu 160 tal-Att dwar l-Armata li jibqa' jorbot fir-rigward tal-ilmenti l-oħra kollha li jista' jkollhom l-uffiċjali u s-suldati.

Illi l-protestant ma jistax jifhem għaliex il-protestati qegħdin jippersistu fuq interpretazzjoni żbaljata ta' liġi li effettivament tirrendi bla ebda sinjifikat u tinnewtralizza din id-dispożizzjoni fl-Att dwar l-Ombudsman u li fil-prattika, jekk tiġi aċċettata, iċċaħħad lill-Uffiċjali mill-jedd espress li għandhom li jirrikorru, bħal kull ċittadin ieħor f'pajjiż demokratiku, lejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman għall-protezzjoni.

Illi l-protestant hu sodisfatt mill-provi prodotti quddiemu sa llum, illi l-Uffiċjali li għamlu ilment quddiemu ippruvaw b'kull mezz possibbli biex jiksbu rimedju għall-aggravju tagħhom. Biżżejjed jingħad illi jirriżulta illi l-Uffiċjali involuti talbu l-intervent tal-Brigadier Martin Xuereb, allura Kap Kmandant tal-Forzi Armati li però ma kienx f'pożizzjoni li jissodisfa l-aggravju tagħhom u hekk uffiċjalment informahom. L-attwali Brigadier lanqas ma huwa f'pożizzjoni li jagħtihom *redress* billi huwa stess huwa persuna interessata fil-fatti li minnhom l-istess Uffiċjali qed jilmentaw. Hu għal kollox irraġonevoli, rażenti l-assurd, illi l-protestati jippretendu illi l-Uffiċjali involuti għandhom iressqu l-ilmenti tagħhom lill-President, permezz tas-servizzi tal-Kap Kmandant u tal-Ministru responsabbli għall-Armata, meta dawn stess qed jiġu espressament indikati

minnhom bħala persuni direttament interessati u involuti fil-fatti li taw lok għall-aggravju.

Kien proprju biex jilqa' għal sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta, illi l-Ombudsman snin ilu indirizza l-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni f'materja ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet tal-Uffiċjali mal-amministrazzjoni preċedenti. Din kienet ġiet riżolta bi ftehim, wara konsultazzjonijiet fit-tul mal-allura President ta' Malta, illum il-President Emeritu Dr George Abela, mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u mal-awtoritajiet tal-Armata, li fihom ġie maqbul li l-Uffiċjali tal-Armata jingħataw l-għażla f'ilmenti ta' din ix-xorta li jressqu l-aggravju tagħhom jew quddiem il-President ta' Malta jew quddiem l-Ombudsman Parlamentari. Dak il-ftehim wassal għal *General Order* maħruġ mill-Armata fil-11 ta' Novembru 2011 li jistipula s-segwenti u li jirrispetta l-kelma u l-ispirtu kemm tal-Att dwar l-Armata kif ukoll tal-Att dwar l-Ombudsman-

"*<u>Complaints Officers</u>*

1. *Officers who feel aggrieved by the Commander's decision may:*

    a. *in respect only of complaints concerning appointments promotions, pay and pension rights refer their complaint for investigation by the Ombudman in terms of Act XXI of 1995.*
    *or*
    b. *In respect of any type of complaint refer their complaint directly to the President of Malta for review in terms of Act XXVII of 1970.*

2. *Officers who decide to refer their complaint directly to the President of Malta would be renouncing to their right to have recourse to the Ombudsman in terms of the Act XXI of the 1995"*

Dan il-*General Order* għadu viġenti u jorbot mhux biss lill-Uffiċjali imma ukoll lill-awtoritajiet tal-Armata u l-istess Ministeru.

Jingħad ukoll illi l-pożizzjoni tal-Ombudsman Parlamentari tibqa' korretta u sostenibbli indipendentement minn din il-*General Order* għax hi bażata fuq interpretazzjoni korretta tal-liġi.

Illi fid-dawl tal-fatti esposti u ta' kunsiderazzjonijiet oħrajn li joħorġu ukoll mill-korrispondenza li qed tiġi esibita, hija tassew ħasra li l-Ministeru qiegħed jibqa' jinsisti fuq l-interpretazzjoni tiegħu tal-Artikolu 160(2) tal-Att dwar l-Armata bil-

konsegwenza li essenzjalment, qed jipprova jċaħħad lill-Uffiċjali mid-dritt li huma għandhom li jirrikorru fl-Uffiċċju tal-protestant. Indubbjament ma tirriżulta l-ebda ċirkostanza li remotament tista' tissuġġerixxi lill-Ombudsman Parlamentari illi jastjeni milli jkompli jaqdi dmiru li jinvestiga dawn l-ilmenti, meta huwa sodisfatt li dawn l-Uffiċjali eżawrew ir-rimedji kollha raġonevolment disponibbli għalihom qabel ma talbu l-intervent tiegħu. It-talba tal-Ministeru li hu jikkonsidra li jagħmel hekk qed tiġi miċħuda.

L-insinwazzjonijiet ta' *bias* u preġudizzju inġustament avvanzati mill-protestati jirrażentaw id-disprezz u qed jiġu bla riserva riġettati. Illi kien fil-qadi tad-doveri tiegħu illi l-Ombudsman ħarrek lis-Segretarju Permanenti, l-protestat Kevin Mahoney, bis-saħħa tal-Artikolu 19(3) tal-Att dwar l-Ombudsman, biex jidher quddiemu fit-3 ta' Ġunju 2014 u jġib d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni kollha li għandha x'taqsam mal-promozzjonijiet in kwistjoni u biex iwieġeb għall-mistoqsijiet li jsirulu. Il-protestat Mahoney baqa' inadempjenti u, b'ittra datata 2 ta' Ġunju 2014 hawn annessa, reġa' irrepeta li l-Ombudsman ma għandux ġurisdizzjoni biex jinvestiga dawn l-ilmenti.

Illi fin-nuqqas ta' deċiżjoni ġudizzjarja illi l-protestant ma għandux ġurisdizzjoni li jkompli jinvestiga l-ilmenti lilu sottomessi, l-Ombudsman diġà intima lill-protestati illi kien bi ħsiebu jkompli bl-investigazzjoni tiegħu kif fil-fatt qed jagħmel. Bil-preżenti qiegħed issa jintimhom, illi n-nuqqas tal-protestat Mahoney illi jidher quddiemu biex iwieġeb għall-mistoqsijiet lilu magħmula kif ukoll illi jipproduċi d-dokumenti minnu mitluba, irendih in vjolazzjoni bħala persuna mħarrka, tas-subinċiż 3 tal-Artikolu 19 tal-Att XXI tal-1995 u konsegwentement passibbli għal proċeduri kriminali provduti fl-istess dispożizzjoni. Proċedimenti illi l-protestant jkun obbligat bil-liġi li jinizja fin-nuqqas ta' deċiżjoni minn organu ġudizzjarju li jipprekludih milli jkompli bl-investigazzjoni.

Deċiżjoni li tista' tingħata biss fuq l-istanza ta' min ikun qiegħed iressaq l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni.

Għaldaqstant, il-protestant l-Ombudsman Parlamentari, filwaqt li jġib il-premess a formali konjizzjoni tal-protestati, u filwaqt li jiddikjara li d-deċiżjoni li jissokta bl-investigazzjoni hija għal kollox *intra vires* u li ma hemm l-ebda raġuni għaliex hu għandu jastjeni minn dak id-dover, qiegħed ipoġġi lill-protestati f'*dolo, mora* u *colpa* għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, waqt li jintimhom biex, fi żmien għaxart ijiem min-notifika ta' dan il-protest ġudizzjarju, jipprovdu lill-Uffiċċju tiegħu l-*files*, l-inkartament u d-dokumentazzjoni relevanti rigward l-Uffiċjali kollha li lmentaw, kif ukoll ta' dawk li ġew promossi fiż-żewġ eżerċizzji ta' promozzjoni li saru fl-2013 u li għalihom saret referenza aktar 'l fuq.

B'riserva għall-protestant li jipproċedi ulterjorment kontra l-protestati f'każ li dawn jibqgħu inadempjenti. Spejjeż kontra l-protestati.

| | |
|---|---|
| Il-Prim Imħallef Emeritu | |
| Dr J Said Pullicino | PL Lucy Bonello |
| Ombudsman Parlamentari | Prokuratur Legali |
| Uffiċċju tal-Ombudsman | Uffiċċju tal-Ombudsman |
| 11 Triq San Pawl | 11 Triq San Pawl |
| Il-Belt Valletta | Il-Belt Valletta |
| VLT 1210 | VLT 1210 |

Protestant – L-Ombudsman, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta

Protestati – L-Onor. Emmanuel sive Manuel Mallia,
Ministru għall-Intern u s-Sigurtà' Nazzjonali
201, Triq id-Dejqa,
Il-Belt Valletta

Is-Sur Kevin Mahoney
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà' Nazzjonali
201, Triq id-Dejqa,
Il-Belt Valletta

Notifika - L-Onor. Dr Joseph Muscat, Prim Ministru
L-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja,
Il-Belt Valletta

**Elenku tad-dokumenti**

**Doc A** - *General Order* tal-Forzi Armati ta' Malta tal-11 ta' Novembru 2011.

**Doc B** - Ittra mill-Uffiċċju tal-Ombudsman lill-Maġġur Pierre Vassallo tas-16 ta' Ottubru 2003.

**Doc C**- Ittra tad-Deputat Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta lill-Uffiċċju tal-Ombudsman tal-10 ta' Diċembru 2013.

**Doc D** - Ittra tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta lill-Uffiċċju tal-Ombudsman tat-23 ta' Diċembru 2013.

**Doc E** - Ittra tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali lill-Uffiċċju tal-Ombudsman tat-3 ta' Jannar 2014.

**Doc F** - Ittra tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali lill-Ombudsman tas-27 ta' Frar 2014.

**Doc G**- Ittra tal-Ombudsman lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali tad-9 ta' April 2014.

**Doc H** - Ittra tal-Ombudsman lill-Onor. Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali tad-9 ta' April 2014.

**Dok I** - Ittra tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali lill-Ombudsman tat-2 ta' Ġunju 2014.

**Dok J** - Ittra tal-Ombudsman lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali tat-13 ta' Ġunju 2014.

Il-Prim Imħallef Emeritu
Dr J Said Pullicino
Ombudsman Parlamentari
Uffiċċju tal-Ombudsman
11 Triq San Pawl
Il-Belt Valletta

PL Lucy Bonello
Prokuratur Legali
Uffiċċju tal-Ombudsman
11 Triq San Pawl
Il-Belt Valletta